MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2005

Numru. 162/2005

Il-Pulizija
vs
Omissis

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f’april, 2004 u fil-ġranet ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti
magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew
magħmula b’risoluzzjoni waħda, mingħajr awtorizzazzjoni –
a. uża ‘computer’ jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f’xi ‘data’, ‘software’, jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ li jinżammu f’dak il-‘computer’ jew f’xi ‘computer’ ieħor, jew uża, ikkopja jew immodifika kull ‘data’, ‘software’ jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ bħal dawk;

b. għamel ‘output’ ta’ xi ‘data’, ‘software’ jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ mill-‘computer’ li jkunu qegħdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b’kull mod ieħor li jkun;
c. ikkopja kull ‘data’, ‘software’ jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ għal kull medjum ta’ ħżin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta’ ħżin fejn soltu jinżamm;
d. ipprevenja jew ostakola d-dħul għal xi ‘data’, ‘software’ jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ;
e. għarraq it-tħaddim ta’ xi sistema, ‘software’ jew l-integrita’ jew affidabilita’ ta’ xi ‘data’;
f. ħa pussess ta’ xi ‘data’, ‘software’ jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ jew għamel użu minnhom;
2. talli fl-istess lok, żminijiet u ċirkostanżi, uża xi nfrastruttura jew apparat ta’ telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih kien ġie provdut, jew naqas li josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għal użu sew ta’ l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfoska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri kontemplati fl-artikolu 533 tal-kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ mejju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18 u 337Ċ(1)(a)(b)(ċ)(d)(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 39(1)(d) tal-Kapitolu 399

tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazjzoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------